MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru 405/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Caruana)**

**versus**

**Emanuel Mangion**
**Nicholas Piscopo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Emanuel Mangion ta' 34 sena iben il-mejjet Joseph u Doris nee Seychell, mwieled Fgura fl-1 ta' Dicembru 1969 u residenti 9 Triq il-Karmnu Fgura, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 22370M.

U

Nicholas Piscopo ta’ 52 sena iben il-mejjet John u l-mejta Angela nee Piscopo mwieled Tarxien nhar l-1 ta’ Ottubru 1951 u residenti Block A Flat 6 Triq Annetto Caruana Tarxien, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 749451M.

Akkużati talli fil-Qasam Industrijali ta’ San Ġwann fid-9 ta’ Marzu 2004 kkommettew serq ta’ injam mill-fabbrika Quality Shoes, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltija (LM1000) u li sar għad-detriment tal-propjetarji.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż l-fedini penali taż-żewġ imputati; iċ-ċertifikati tat-twelid tagħhom, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali, (fol 6) sabiex il-proċeduri jkunu sommarji; il-kunsens taż-żewġ imputati biex il-proċeduri jkunu sommarji; ir-risposta tagħhom t-tnejn li ma humiex ħatja ta’ l-imputazzjoni dedotta kontriehom; iż-żewġ stqarrijiet ta’ l-imputati a fol 20 u a fol 22; id-dokument ANC3 li jidher f’paġna 24; id-dokument BLC3 li jidher a fol 30; u l-atti esebiti a fol 46.

Ikkonsidrat.

Skond ix-xhieda ta’ l-ispettur Angelo Caruana kienet waslet informazzjoni lill-pulizija li xi ħadd kien qed jisraq mill-fabbrika Quality Shoes li hemm fil-qasam industrijali ta’ San Ġwann. Huma marru fuq il-post li kien jġib in-numru BAC 901 u ġo fih kien hemm kwantita ta’ twavel ta’ l-injam. Fil-bieb kienu raw liż-żewġ imputati. Iż-żewġ imputati kienu qalu li l-injam ma kienx propjeta’ tagħhom waqt li l-van kien tagħhom. L-imputati qalu li l-injam kienu għabbewh huma u kienu ħadu l-injam minn ġewwa l-fabbrika. Il-fabbrika bħala bini hija vojta u l-bieb kien jidher li kien miftuħ.

Il-pulizija staqsew lill-imputati jekk kienux ħadu permess mingħand is-sidien biex jieħdu l-injam u dawn wieġbu li le. Huma qalu li kienu qalulhom xi ħbieb li kien hemm dan l-injam u għal hekk marru hemm. L-ispettur imbgħad kompla jixhed illi kien qabbad lis-surgent isib lis-sid u jistaqsieh jekk kienx ta permess lil xi nies biex jieħdu l-

injam u s-sid kien qal li le. Is-sid kien vvaluta l-injam għal iktar minn LM100 (fol 15). Fil-kontro eżami l-ispettur wieġeb illi l-bieb kien miftuħ. U mill-impressjoni li ħa l-ispettur ma kienux l-imputati illi fetħuħ. Kien jidher wkoll illi kien mingħajr locks. Il-bieb kien qisu wieħed ta' garaxx u kien miftuh beraħ meta marru l-pulizija. Meta staqsew wkoll lil sid il-Quality Shoes jekk kienx hemm affarijiet oħra barra l-injam, huwa qal illi ma kellux (fol 18).

**L-istqarrija ta' Emanuel Mangion**

L-imputat Emanuel Mangion fit-3 ta' Marzu 2004 kien qal illi ħadd ma kien tahom permess jmorru f'din il-fabbrika u li hu kien membru fil-club tal-boċċi tal-Fgura. Il-club kellu bżonn jibdel l-injam tad-dawra tal-pitch. L-imputat sar jaf li kien hemm fabbrika żdingata ġewwa San Ġwann u ddeċieda li jmur jara jekk l-injam li kien hemm kienx jgħodd għalihom. F'dak il-jum tat-3 ta' Marzu għall-ħabta tal-10.30am kien mar hu u sieħbu Nicholas Piscopo wara li ddubbaw van mingħand ħabib tagħhom u bdew jgħabbu l-injam. Hin minnhom ġew il-pulizija u arrestawhom. Huwa nnega li kien mar drabi oħra u a fol 21 qal 'jiena ħsibt li kienet abbandunata.' Meta kien mistoqsi jekk kienx jidhirlu illi l-injam kien jiswa l-flus, huwa qal li flus kien jiswa għax kien tajjeb għall-użu tagħhom tal-club. Huwa nnega li kien mar darbi oħra u li kull ma kellhom f'moħħhom kien li jiffrankaw il-flus għall-club. Fil-konklużjoni qal li jiddispjaċieh li daħal f'dan l-inkwiet u li kieku kien jaf li ser jidħol f'dan l-inkwiet kien jaqbad u jmur u jixtri l-injam lanqas jekk dan isir bid-dejn.

**L-istqarrija ta' Nicholas Piscopo**

Fit-3 ta' Marzu 2004 fit-3.33pm rrilaxxja stqarrija Nicholas Piscopo u dan qal li ħadd ma kien tahom permess jmorru fil-fabbrika. Huwa membru wkoll fil-club tal-Boċċi tal-Fgura u kienu ddeċidew li jibdlu l-injam tad-dawra tal-pitch. Xi ħadd kien ħareġ bl-idea li kien hemm fabbrika San Ġwann abbandunata (fol 23) u li kien hemm xi injam li jgħodd għalihom. Meta waslu kien jaf li kien hemm pellet u għaddew minn fuqu. Il-bieb kien miftuħ u fuq in-naħa ta' quddiem tal-fabbrika kien hemm ħafna injam.

Għabbew xi ftit minnu u l-pulizija kienu arrestawhom. Huwa nnega li kien mar xi darba oħra u qal li kien ħaseb li din kienet abbandunata (fol 23). Fil-fehma tiegħu l-injam ma kienx jiswa ħafna flus. Kien biss tajjeb għall-iskopjiet tal-club. Fil-konklużjoni qal 'dak li għamilna ma għamilnieh bl-ebda intenzjoni ħażina , (fol 23).

PS1152 a fol 28 xehed illi kien akkumpanja lill-ispettur Anglu Caruana u kienu marru fil-fabbrika li qabel kienet Qualilty Shoes u arrestaw liż-żewġ imputati.

Xehed ukoll Louie Camilleri li qal li kienu għamlu stima ta' l-injam u din kienet tiġi fuq il-Lm100. Huma kienu qabbdu lil ħadideħor jagħmel l-istima wara li kien ddeskrivielhom f'hiex kien jikkonsisiti l-injam. Bejn wieħed u ieħor is-somma kienet ta' Lm110.

L-espert imqabbad mill-Qorti James Camilleri għamel l-istima u qal li l-injam kien jiswa Lm75 plus VAT li kieku kellu jkun ġdid (fol 38).

L-ispettur Angelo Caruana ppreżenta tliet ritratti ta' l-injam.

L-imputati xehdu u waqt ix-xhieda tagħħhom huma kkonfermaw iż-żewġ stqarrijiet magħmula minnhom lill-pulizija. Dawn inqrawlhom mill-avukat difensur kollha kemm huma, jiġifieri lil Emanuel Mangion pages 20 u 21 u lil Nicholas Piscopo fol 22 u 23.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni il-prosekuzzjoni insistiet illi anke jekk post huwa abbandunat, wieħed ma għandux ikompli u jaqbad u jieħu iktar minnu. Bħala eżempju huwa semma l-każ ta' dar ta' individwu li waqt li jkun vaganza xi mkien, xi ħadd jidħol u jisraq minnha u jħalli kullmkien miftuħ. Jekk imur xi ħadd ieħor u jkompli jisraq ma jfissirx illi ma sarx ir-reat

ta' serq għaliex dak li jkun qed isofri mhux biss mill-ewwel serqa iżda wkoll mit-tieni waħda.

Id-difiża qalet illi hawn hekk wieħed irid iħares sewwa lejn l-intenzjoni ta' l-imputati x'kienet u bħala referenza ippreżenta Appell Numru 67/99 mogħti fis-sena 2000 mill-Onor Imħallef Dr. Vincent Degeatano fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-punt ewlieni mqajjem mid-difiża huwa dwar in-nuqqas ta' intenzjoni li l-imputati kellhom li jisirqu.

Skond in-Noti tal-Professur Sir Anthony Mamo, 'il-contractatio għandu jkun frawdolenti'. Dan ifisser:

**'The abstraction or taking must be with the consciousness of abstracting or taking the property of others. Any honest mistake will negative this ingredient as where the taker believes the thing to have been abandoned or that it is his own. It would appear that any such mistake excludes theft even if it is incurred through negligence. As Carrara says: 'Non puo' concepirsi la figura giuridica di un furto colposo. (loc.cit 2023).'**[1]

L-Antolisei jimxi fuq l-istess linji:

'Secondo le regole generali il dolo non sussiste se l'agente erroneamente credev che la cosa fosse propria o che il possessore avesse assentito all'asportazione.'[2]
Fil-każ ippreżentat mill-abbli difensur 'Il-Pulizija (Spettur Pio Pisani) versus Dennis Sghendo u Brian Vella' (Appell 67/99) mogħti fis-sena 2000 mill-Onor.Imħallef Vincent Degaetano fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali Inferjuri, hemm referenzagħall-kaz 'Il-Pulizija versus Lorenzo Depares et' fejn kien deċiż:

---

[1] Mamo Anthony Professor Notes on Criminal Law Part II paġina 279.
[2] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale (1989) Parte Speciale 1 page 254

**‘L-imputati ma kellhom l-ebda ħsieb li kienu qed jagħmlu xi ħaġa ħażina jew kontra l-Liġi, u anqas u anqas li kienu qed jisirqu ħwejjeġ ħadd ieħor; u għalhekk f’dan il-każ tonqos mhux biss il-fehma li tisraq (l-animus furandi) li huwa meħtieġ biex wieħed ikun ħati ta’ serq, iżda l-istess fehma ta’ ħażen (dolo generico) li mingħajru ma jistax ikun hemm l-ebda delitt skond il-Liġi.’**

Fil-każ odjern, a tempo vergine, u fl-istess jum meta kienu arrestati mill-Pulizija l-imputati stqarrew li sa fejn kienu jafu huma, l-fabbrika kienet abbandunata.

Per eżempju, Emanuel Magro, li għamel l-istqarrija tiegħu madwar sagħtjen wara l-arrest, qal:

‘Sirt naf li hemm fabbrika sdingata’ (fol.20) u ‘Il-fabbrika kienet miftuħa u ma kinitx imsakkra u għalhekk ħsibt li kienet abbandunata.’ (fol.21)

Min-naħa l-oħra Nicholas Piscopo, li għamel l-istqarrija tiegħu fit-15.33 ta’ l-istess jum, stqarr :

(a) ‘Xi ħadd ħareġ bl-idea li San Ġwann ġewwa fabbrika abbandunata kien hemm ammont ta’ injam li kien jgħodd għalina…….

(b) Il-bieb kien miftuħ

(ċ) Nixtieq ngħid li din il-fabbrika kienet miftuħa u ma kenitx imsakkra u għalhekk ħsibt li kienet abbandunata.

(d) Le, xejn ħlief li għamilna m’għamilhieh bl-ebda intenzjoni ħażina.’

Il-Qorti qabblet it-teorija dwar is-serq esposta aktar ‘il fuq u wiżnet dak li qalu l-imputati. Fil-fehma tal-Qorti l-imputati ppruvaw fuq bażi ta’ probabilita’ li huma ma kellhom ebda intenzjoni li jisirqu.  Dan għamluh fi stadju bikri u fl-istqarrijiet jinħassu ġenwini.

**Konsegwentement hemm nieqes l-element formali ta' dan ir-reat, element indispensabbli biex wieħed jinsab ħati li wettaq tali delitt.**

Barra dan il-Qorti tinnota li l-imputazzjoni ssemmi d-data '9 ta' Marzu 2004'. Din hija żbaljata għaliex:

(a) L-istqarrijiet ta' l-imputati jidher li saru fit-3 ta' Marzu 2004;
(b) L-Ispettur Angelo Caruana semma d-data '3 ta' Marzu 2004' meta kien qed jixhed a fol.12.

Il-Prosekuzzjoni qatt ma talbet bdil fid-data li tidher fiċ-ċitazzjoni. Għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjoni dedotta kontrehom għaliex m'ehmm ebda prova li l-imputati wettqu xi serq fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 284 tal-Kap 9 qed tillibera lill-imputati mill-imputazzjoni dedotta kontriehom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------